# Ejjew nitgħallmu nkunu aktar grati!



Kull bidu ta' sena ġdida jfakkarna li ġejna mislufa aktar żmien biex ingwadu d-don kbir tal-ħajja, biex nigglorifikaw lil Alla bl-eżistenza tagħna u biex nagħmlu t-tajjeb lil oħrajn, huma min huma, sakemm għad għandna ċ-ċans. Jaħasra, illum hu tant faċli li ninġarru mill-ħafna responsabbiltajiet li għandna, mill-għaġla u l-ġenn li nħabbtu wiċċna magħhom ta'kuljum! Hu tant faċli li sempliċiment nimbuttaw lilna nfusna 'l quddiem bla ma napprezzaw il-mirakli ż-żgħar u l-ferħiet ċkejkna ta' kull ġurnata.

Iva qrajt tajjeb, mhuwiex xi żball dan! Kull jum għandu s-sabiħ tiegħu, il-ġmiel tiegħu imma jrid ikollna għajnejn, widnejn u qalb lesti biex nagħrfu dan. Tista' tkun tbissima sinċiera ta' xi ħadd li ma tafx li tiltaqa' miegħu fit-triq, tista' tkun azzjoni tajba li tirċievi mingħand xi ħadd fuq il-post tax-xogħol, tista' tkun tgħanniqa mingħand xi ħadd li jiġi minnek, tista' tkun kelma ta' tifħir minn ħabib, tista' tkun sms ta' apprezzament għal xi ħaġa li tkun wettaqt, tista' tkun sempliċi tisfira ta' pitirross ħieles fuq zokk bla ħajja jistenna l-qawmien ġdid tar-rebbiegħa, tista' tkun is-sħana tax-xemx fuq spalltek waqt li ġejja lura mis-supermarket, tista' tkun inżul ix-xemx mill-isbaħ li tilmaħ waqt li ħriġt il-kelb għal passejn jew sema xitwi u mudlam, ċar daqs il-kristal, miżgħud bil-kwiekeb li tilmaħ mit-tieqa tal-kamra tas-sodda fi tmiem jum twil, b'tazza tè sħuna f'idejk waqt li tiġi konxju li dak Alla li jaf kull stilla b'isimha, jafek u jħobbok ferm iktar milli int qatt tista' tobsor…



Photo: Karl Fredrickson from www.unsplash.com

Iva huma dawn il-bċejjeċ prezzjużi ta' ħajja li, meħjuta flimkien bl-ispaga tad-deheb tal-għarfien tagħna, jgħinuna naraw lil hinn minn normalità tal-ħajja ta'kuljum u nerfgħu il-velu fuq dak li jidher normali u hemm nagħrfu id Alla u l-providenza tiegħu li qed jaħdmu dejjem minn wara l-kwinti.

Ejja nirsistu sabiex ma nitkaxkrux mill-glorifikazzjoni, tant imxerrda u vana fostna, li nkunu mħabbtin li hi mifruxa tant magħna lkoll, ejjew nitgħallmu ma nterrqux tul it-toroq tal-ħajja bla' ma nintebħu x'hemm madwarna u ejjew nitgħallmu naraw is-sabiħ kollu li jdawwarna kuljum u nkunu grati ta'dan. Veru, xi drabi f'xi jiem, wieħed irid jfittex ħafna aktar fil-fond biex isib xi ħaġa tajba, imma dejjem hemm xi ħaġa għal xiex ngħidu grazzi lil Alla, tkun kemm tkun iebsa l-ħajja. Ejja nsaħħu din l-attitudni ta' gratitudni fina hekk kif se nibdew sena ġdida fl-istorja ta' ħajjitna u b' dan il-mod, insiru bnedmin dejjem aktar awtentiċi u ġenwini li mhumiex mogħmija li jridu jkunu bnedmin li l-ħin kollu jaħdmu u jinsew dak li tassew jgħodd fl-aħħar mill-aħħar. Ejjew l-ewwel nitgħallmu kif verament inkunu sabiex imbagħad nagħmlu dak li għandna nwettqu b'aktar għan, b'aktar delikatezza u b'aktar tifsira. Ejja nieqfu filli nieħdu lil kulħadd u lil kollox qiesu xejn mhu xejn għax il-ħajja kif nafuha taf tinbdiel f' tebqa t' għajn. B' dan il-mod biss nistgħu nterrqu l-ħajja b' tali mod li nagħmlu l-aħjar minnha u ngħixuha b' mod sħiħ, kif Alla minn dejjem riedna nagħmlu. L-għażla fl-aħħar mill-aħħar, hi f' idejna! Is-Sena t-Tajba!

*Fr. Sandro Camilleri sdb*